Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 589/2011/1AE

**Alternative Technologies Limited**

**Vs**

**Joe Zammit u Kevin Borg bhala rapprezentanti legali u guridici fil-kapacita' rispettivi taghhom ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Pembroke**

Il-Gimgha, 25 ta' Novembru 2015.

L-attrici, illum appellata, talbet il-hlas ta' elf erba' mija u sitt ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,406.55) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghall-bejgh u nstallazzjoni ta' panelli foltovoltajci. Il-Kunsill konvenut, illum appellant, wiegeb li l-ebda hlas ma kien dovut.

B'sentenza tas-17 ta' Settembru 2012 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-eccezzjoni u kkundanna lill-Kunsill Lokali sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' €1,406.55, bl-imghax kif mitlub.

Il-Kunsill appella mis-sentenza u lmenta mill-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. Il-Kunsill isostni li:-

i. Kien irrizulta li fl-offerta li ghamlet l-attrici ghall-bejgh u nstallazzjoni ta' tmien pannelli, l-attrici kienet ziedet Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ghal darbtejn.
ii. Il-Kunsill kien induna bl-izball u meta kien zied l-ordni ghal tnax-il pannella, irranga l-prezz kwotat billi naqqas ghal darba t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.
iii. Il-Kunsill irreveda l-kont tal-attrici kif kien fid-dmir li jaghmel gialadarba l-flus tal-Kunsill huma fondi pubblici.
iv. Il-Kunsill hallas lill-attrici l-hlas li kien dovut u hi accettat minghajr ebda rizerva.
v. L-ammont pretiz mill-attrici hu bazat fuq zball ta' kalkolu li ghamlet hi stess.

L-attrici wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

1. Il-kontendenti ffirmaw kuntratt ghall-bejgh u nstallazzjoni ta' pannelli fotovoltajci, wara l-hrug ta' tender ghal Supply, Installation &

Commissioning of a Photovoltaic System. Fil-kuntratt jinghad li l-prezz, inkluz taxxi, hu ta' **€4,553** (fol. 78).

2. Ghall-qorti hu car li s-somma ta' €4,553 ma tinkludix Taxxa Fuq il-Valur Mizjud kalkolata ghal darbtejn. Fid-dokument a fol. 78 hemm zewg kolonni, *"Rate incl. of VAT, ECO Tax and all expenses as may be applicable"* u *"Total Amount incl. of VAT, ECO Tax and all expenses as may be applicable"*. Fiz-zewg kolonni gew kwotati l-istess prezzijiet, minkejja li suppost fl-ewwel kolonna kellha titnizzel rata ta' hlas. Taht it-tieni kolonna hemm ***Subtotal*** u tahtha hemm ***Total***. Dan id-dokument hu parti mit-*tender document* li l-offerenti kellhom jipprezentaw. Is-somma ta' €3,858.59 fil-parti Sub-total ma jinkludix it-taxxa, tant hu hekk li fil-parti *"Total Amount incl. of VAT, ECO Tax and all expenses as may be applicable"*, ic-cifra totali hi €4,553 cjoe' €3,858.59 x 18% = **€4,553**. Hu evidenti li l-Bord tal-Ghazla fehem din il-posizzjoni u accetta l-offerta tal-attrici.

3. Jirrizulta li kien l-inginier Vincent Rapa li nforma lill-Kunsill, permezz ta' email tas-7 ta' Settembru 2010 (fol. 91), li:-

   *"Kindly note that I disagreed with the invoice sent from Alternative Technologies as the total request includes the VAT twice when compared to their Tender Offer"*.

   Hu evidenti li l-Kunsill konvenut qieghed jibbaza d-difiza tieghu fuq il-fehma tal-inginier Rapa. Pero' dan qatt ma tressaq bhala xhud sabiex jaghti spjegazzjoni tal-konkluzjoni li wasal ghaliha. Jidher li l-konkluzjoni tal-inginier Rapa hi bazata fuq il-presunzjoni li fiz-zewg kolonni l-prezzijiet kwotati jinkludu t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ghas-semplici fatt li fil-parti ta' fuq ta' kull kolonna hemm miktub *".... incl. of VAT, ECO Tax and all expenses as may be applicable"*. Pero' hu evidenti li l-inginier Rapa ma tax kaz li hemm kaxxa *Subtotal* u ohra *Total Amount incl of VAT, ECO Tax and all expenses as may be applicable*. Ghall-qorti jidher li d-dokument kien qieghed jitlob lill-offerent sabiex fil-kaxxa Subtotal jiddikjara l-prezz minghajr taxxi, filwaqt li fil-kaxxa Total jiddikjara l-prezz flimkien mat-taxxi.

4. It-*tender document* hu car, cjoe' li l-prezz hu ta' €4,553. Prezz li accetta l-Kunsill konvenut u sahansitra gie ffirmat kuntratt. Ovvjament dan zdied meta l-Kunsill konvenut ordnat iktar pannelli. Il-qorti taqbel mat-Tribunal li osserva li l-kuntratt li ffirmaw il-partijiet kien originarjament jistipula hlas ta' €4,553 u l-Kunsill konvenut ma kellux dritt ivarjah unilateralment.

5. Hu minnu li fl-24 ta' Frar 2011 il-Kunsill konvenut hareg *payment voucher* ghas-somma ta' €5,885.16 (fol. 15). L-attrici rceviet il-hlas u harget ricevuta datata 29 ta' Marzu 2011 (fol. 96). Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-attrici accettat il-hlas ghas-saldu. M'hemmx provi li juru li

bejn il-kontendenti kien sehh ftehim li l-kont li baghtet l-attrici ghal €7,291.71 (fol. 95), kellu jigi ridott ghas-somma ta' €5,885.16. Min-naha l-ohra jirrizulta li:-

(a) Fit-2 ta' Marzu 2011 il-Kunsill konvenut baghat dikjarazzjoni lill-attrici li ammont dovut kien ta' €7,291.71 (fol. 14);
(b) Fil-25 ta' Marzu 2011, **igifieri qabel l-attrici harget ir-ricevuta tal-hlas**, l-attrici baghatet ittra legali lill-Kunsill konvenut u nterpellatu jhallas is-somma ta' €1,406.55, cjoe' l-bilanc (fol. 16).

'Il fatt li l-attrici accettat il-hlas ta' €5,885.16 ma jfissirx li kkompromettiet il-posizzjoni taghha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-Kunsill Lokali ta' Pembroke**.

Anthony Ellul.